# Il-Ħuttafa

numru 128

Mejju - Ġunju 2015

21 sena 1994-2015



Gremxula

€2 għal min mhux membru

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

Aron Tanti



**Merill raġel** qed jgħanni minn fuq bejt ta' kamra fil-kampanja. Qed jgħid lil merilli irġiel oħrajn: "Hawnhekk tiegħi, aqilgħuli 'l barra!"



editorjal

# Ħbieb Ħuttaf...

Biex ingawdu n-natura tajjeb li nitgħallmu nużaw sensi differenti. U iva, ma jfissirx noqogħdu ntiegħmu kollox, ta! Imma sensi bħas-**smigħ** u x-**xamm** jgħinuna.

Pereżempju fid-dinja tal-għasafar is-smigħ importanti immens. Ħafna għasafar mhux faċli tarahom għax jew żgħar wisq, jew bogħod wisq, jew żvelti wisq, jew moħbijin qalb il-weraq, jew fis-seba' sema. Imma b'xorti tajba ħafna minnhom iħobbu jsemmgħu leħinhom. Jekk nitgħallmu ftit ftit nagħrfuhom inkunu tgħallimna sigriet tan-natura. Nibdew kważi naraw b'widnejna!

Ħa ħa! Naraw b'widnejna! Din tfakkarni fil-**friefet il-lejl**. Il-friefet il-lejl annimali speċjali mhux biss għax huma mammiferi li jtiru imma wkoll għax kapaċi jaqbdu nemusa ttir fid-dlam ċappa! Kif jarawha? Għax il-friefet il-lejl mhux għajnejhom jużaw imma widnejhom. Waqt li jtiru jagħmlu ħoss irqiq li skont kif jisimgħuh jidwi jindunaw x'hemm madwarhom. Dawn il-ħsejjes għoljin wisq biex nisimgħuhom aħna l-bnedmin imma b'xorti tajba hawn apparat apposta jgħidulu *bat detector* (ikun qisu *walkie-talkie*). Dan jaqbad il-ħsejjes tal-friefet il-lejl u jbaxxihom b'mod li anke aħna nkunu nistgħu nisimgħuhom. S'intendi jien xtrajt wieħed u b'hekk issa nista' nitgħallem is-sigrieti tal-friefet il-lejl ukoll.

Awguri għall-eżamijiet u l-vaganzi.

Victor

**Victor Falzon** L-Editur

Victor Falzon




Il-**bat detector** jgħinek tisma' l-ħsejjes tal-friefet il-lejl. Peress li jgħajtu fuq frekwenzi differenti, kultant tkun tista' tagħraf liema speċi jkunu.

## MAL-FAĊĊATA

Matthew Borg Cardona



Il-**Gremxula** (Maltese Wall Lizard) hija waħda mir-rettili Maltin. Anzi tant hi Maltija li mkien iżjed ma ssibha fid-dinja ħlief f'pajjiżna, u għalhekk tissejjaħ endemika. Dari kienet komuni ħafna fil-kampanja, illum f'xi nħawi ta' Malta saret iktar komuni fil-ġonna tan-nies milli fil-kampanja.




# Kontenut


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Ambjenti u Residenti | 4-5 |
| Mhux mitluf! | 6 |
| Ħadna gost | 6 |
| Jitwieled Dragun! | 6-7 |
| Tista' tgħidli? | 8 |
| Arti u ritratti | 8 |
| Paġna Falko | 9 |
| Natura 2000 | 10-11 |
| Attività | 12 |



## Kumitati

### Ċentrali

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Chris Cachia Zammit • Desirée Falzon • Victor Falzon

### Falko

Nicholas Galea • Timothy Micallef

## Kordinazzjoni mill-uffiċju

Hannah Chisholm • Sofía García

## Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru u s-sħubija hija €10 fis-sena.



## Kuntatt

indirizz
**BirdLife Malta**
**1-2 Xemxija Waterfront Apts**
**Triq is-Simar, Xemxija**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


Reg.Vol.Org. VO/0052

©BirdLife Malta, Ġunju 2015

Disinn u produzzjoni
Victor Falzon, Chris Cachia Zammit
Stampat għand Poulton's Print Shop

# Tellieqa biex jikber



Aron Tanti

**Dan il-fellus ta' Fras-servjent faqqas f'Mejju li għadda fir-riserva naturali tal-Għadira. Fil-bidu kienu erba' flieles aħwa, imma wara ftit ġranet tlieta minnhom ma rajniehomx iktar. Baqa' dan biss miskin. Imma ma tħalliex waħdu tafux, għax huwa l-mimmi t'għajnejn ommu u missieru. Dawn dejjem għassa tiegħu kull fejn imur jippassiġġa, u jkeċċu kull għasfur li jersaq lejh. Qed jikber ġmielu u sa ma jaslilkom il-magażin ikun probabbli diġà tgħallem itir. X'saqajn esaġerati hux!**




Aron Tanti



Aron Tanti




## Dejjem jitnaqqar

Kull sena l-kampanja tagħna tiċkien. Kull sena l-bini jkompli jinfirex u jibla' l-art. Dan jiġri fil-pajjiżi kollha, imma f'pajjiżna l-problema iktar serja għax Malta ŻGĦIRA ĦAFNA! Terz ta' pajjiżna diġà bnejnieh u rridu noqogħdu b'seba' għajnejn kemm ħa nkomplu nnaqqru mill-ftit beraħ li baqgħalna. Imma l-proġetti enormi ta' bini li qed nisimgħu bihom juri li għadna ma tgħallimniex. Pereżempju ħdejn Wied il-Għajn hemm ċans li **tintradam biċċa kampanja ikbar mill-Imdina**.

Meta se nitgħallmu?




| 33% bini, toroq u żvilupp | 50% għelieqi | 17% naturali |
|---|---|---|









Jott marina u salt bini, proġett ieħor mostruż maħsub għal Għawdex. Veru li bħalissa l-art t'hemm hija barriera, imma meta ma tibqax tinħadem barriera tista' terġa' ssir kampanja u jerġa' jsaltan is-skiet u l-merill. Jott marina u raħal bini hemm jibqgħu, anzi jkomplu jikbru.

Desirée Falzon



Aron Tanti

Fil-ħarifa u x-xitwa fittex għasfur żgħir b'wiċċu iswed, nofs kullar abjad u sider lewn is-sadid, imperreċ fuq l-ogħla zokk f'nofs il-ħaxix. Dak ikun il-**buċaqq tax-xitwa** u spiss isemma' l-għajta tipika tiegħu *swi-ĊĊĊ*!



Aron Tanti

Peress li jiekol il-ħaxix il-**ġurat ta' wiċċu twil** issibu fl-isteppa. Bejn is-sajf u l-ħarifa fittxu qalb il-weraq tal-ħalfa.Mhux faċli tarah għax twil u mislut bħall-weraq!






Victor Falzon

Bħall-brimb kollu, il-**piżawra** hija karnivora. Ma tagħmilx għanqbuta biex taqbad il-priża imma taqbeż fuq l-insetti li ssib qalb il-ħaxix. Wara li tbid, iġġorr il-bajd f'kobba ħarir taħt żaqqha (kif jidher fir-ritratt hawn taħt) sakemm jaslu biex ifaqqsu.



Desirée Falzon



Victor Falzon

Meta l-**berwieq** jagħmel il-fjuri fi Frar l-isteppa timtela bukketti fjuri fuq lasti ħodor. Il-ftit insetti li jfaqqsu daż-żmien ifittxuhom dawn il-fjuri.

In-**nannakola tal-faxx** hija kuġina tan-nannakola ħamra u bħalha tiekol insetti żgħar bħall-briegħed tal-pjanti (aphids) li jsoffu s-sugu tal-ħaxix.



Victor Falzon

Ambjenti u Residenti

# Steppa

Desirée Falzon



Denis Cachia

Jekk tisma' għasfur jgħajjat *zipp! zipp! zipp!* mis-sema' fir-rebbiegħa, qed tisma' l-**bufula tal-imrewħa**. Ir-raġel ikun qed ikeċċi rġiel oħrajn u jiġbed in-nisa lejh ħalli jbejtu fil-ħaxix għoli.



Dawk it-trofof ħaxix aħdar ċar huma **ħalfa**, pjanta tipika tal-isteppa. L-għeruq tagħha jżommu l-ħamrija milli tinġarr mix-xita.



Desirée Falzon

Il-fjura tal-**qaqoċċ tax-xewk** hija spettakolari kemm minħabba l-kulur vjola *highlighter* tal-petali kif ukoll għax jiġġennu għaliha ħafna insetti.



Aron Tanti

Il-**pespus** wieħed mill-għasafar li jimxu mhux jaqbżu – iktar komdu li timxi meta qed tfittex bejn il-ħaxix għall-bebbux u insetti għall-ikel.

L-isteppa hija tip ta' ħabitat li jkun miksi bil-ħaxix. Fl-isteppa ma ssibx siġar jew arbuxxelli għoljin minħabba li dal-ħabitat spiss ikun espost għar-riħ. Mill-banda l-oħra l-ħaxix iħobb ir-riħ għax ixerridlu l-polin biex jiddakkru l-fjuri. Jeżistu diversi tipi ta' steppa. Hemm steppa li tifforma meta għalqa ma tibqax tinħadem għal ħafna snin, u ftit ftit timtela bil-ħaxix. Hemm steppa li tifforma f'inħawi fejn il-ħamrija naqset sew u beda jitfaċċa l-blat. Tip ieħor ta' steppa tikber mal-ġnub taflin ta' xi għoljiet, kif jidher f'dan ir-ritratt meħud fl-inħawi tal-**Ġnejna** u **Ras il-Pellegrin**.

Aron Tanti



**Għasfur tal-Bejt** ferħ.
Tagħraf li għadu żgħir minn dik il-ftit ġilda safra mal-ġnub ta' munqaru.

# Mhux mitluf!

Bħalissa ħafna għasafar tal-bejt ikunu bil-bejta. Għall-ewwel il-frieħ joqogħdu fil-bejta imma meta jibdew jikbru joħorġu jaqbżu 'l hawn u 'l hemm, allavolja jkunu għadhom ma jtirux. Din ħaġa normali u ommhom u missierhom ikunu jafu fejn qegħdin uliedhom, għax joqogħdu jpespsu lil xulxin. Għalhekk jekk issibu ferħ u taħsbuh mitluf, ftakru li **dak mhu mitluf xejn**. Ommu u missieru jkunu x'imkien viċin, jistennew lilek twarrab ħalli jinżlu jitimgħu lit-tifel tagħhom! Għalhekk sakemm ma jkunx f'periklu li ttajru karozza jew tabqdu qattusa, l-aħjar li **thalluh fejn hu**. Anzi, tbiegħdu daqs 10 metri u oqogħdu osservaw fil-kwiet, u spiss ma jdumux ma jitfaċċa xi wieħed mill-ġenituri tiegħu b'xi dudu f'ħalqu!



David Attard

# Ħadna gost il-Buskett

Nhar is-Sibt 16 ta' Mejju wara nofsinhar kellna ħarġa għall-Buskett. Konna b'kollox xi 20. Imxejna n-niżla sabiħa ta' Wied il-Luq u qgħadna nosservaw il-pjanti bħal-**liedna** li tixxeblek u l-weraq tal-**luq** abjad minn taħt, u nisimgħu l-għajta qawwija tal-**bufula tal-ghollieq**. Fuq karti u bil-kuluri li tawna l-leaders għamilna *bark rubbings* ma' siġra kbira tal-**ballut**, u ħadna gost nagħmlu l-arti minn affarijiet naturali li ġbarna. Kien hemm ukoll ringer tal-BirdLife li beda jaqbad għasafar u jagħmlilhom ċurkett speċjali, u jerġa' jitlaqhom. Dan huwa studju li jsir biex il-BirdLife issir taf iktar fuq l-għasafar. Konna b'xortina narawh jirringja **tajra safra** vera sabiħa. Iġri nergħu mmorru!



**Il-mazzarell sultan** (blue emperor *Anax imperator*) huwa l-ikbar mazzarell f'Malta u fl-Ewropa.









# Jitwieled Dragun




Din is-sensiela ritratti ħadha l-ħabib tagħna Charles Gauci ħdejn vaska fil-ġardina tiegħu, li minnha kien għadu kemm ħareġ ferħ ta' **Mazzarell Sultan**. Il-mazzarell jibda ħajtu fl-ilma, f'qiegħ ta' għadira jew vaska bl-ilma tax-xita. Għall-ewwel ikun qisu dudu u jiekol annimali żgħar tal-ilma. Meta jikber biżżejjed joħroġ mill-ilma, jitla' ma' xi zokk jew blata u hemm issirlu bidla kbira. L-ewwel tixxaqqaq il-qoxra ta' dahru u minnha jibda ħiereġ bil-mod l-insett adult, jiġġebbed u jitmattar. Meta jkun ħareġ kollu joqgħod jistrieħ mill-battikata filwaqt li l-ġwienaħ jibdew jinfetħu u jistiraw. L-istorja kollha mill-ewwel sal-aħħar ritratt ħadet xi sitt sigħat (9.30pm–3.30am). Grazzi Charles talli qsamt magħna dil-meravilja!









# Tista' tgħidli?

Inwieġbu mistoqsijiet u misteri mistifikanti li tibagħtulna intom il-membri.






Sur Editur,

Jekk jogħġbok dan ġurat jew grillu? Sibnieh il-bieraħ, kien fuq *bush* fi ġnien publiku. Meta mort biex immissu qabeż u llandja fuq karozza pparkjata! Tgħidx kemm dħakna. Grazzi.

**Nicole Azzopardi** (9)
San Ġwann

Għażiża Nicole,

Il-grillijiet (crickets) jiġu mill-ġurati (grasshoppers) imma qegħdin fi grupp differenti. Tagħrafhom minn xulxin għax il-grillijiet ikollhom antenni twal ħafna, tal-ġurati jkunu qosra. Allura tar-ritratt x'inhu?

Prosit, dak ġurat. Fil-fatt huwa **ġurat tar-raba'** (Egyptian grasshopper) – dan tar-ritratt huwa żagħżugħ għax għadu bla ġwienaħ!

L-Editur

---

Għażiż Editur,

Jekk jogħġbok kemm jiġu għasafar f'Malta kull sena? Grazzi.

**Alan Grima** (11)
Ħal Qormi

Għażiż Alan,

Qed tistaqsi kemm jiġu għasafar differenti (speċi) jew kemm jiġu total b'kollox? Jekk it-tieni waħda, impossibli ngħidlek għax ħadd ma jaf. Jgħaddu żgur mijiet ta' eluf, anke miljuni, għax Malta qiegħda fir-rotta tal-passa. Ħafna minnhom għasafar żgħar bħal buful, vjolini u pitirrossi.

Kemm jiġu speċi differenti? S'intendi ebda sena mhi bħal oħra, imma nikkalkulaw bejn wieħed u ieħor xi ħaġa taħt il-200 speċi.

L-Editur


**Qatgħa sturnelli**

Aron Tanti



Iktbu lill-Editur fuq
**il-huttafa@birdlifemalta.org**



Ibagħtulna t-tpinġijiet u r-ritratti li tieħdu tan-natura (mhux pets jew pjanti kkultivati) ħa nġibuhom f'dil-paġna. Basta jkunu veru tagħkom. Ibagħtuhom bl-imejl jew bil-posta.






**Denfil** minn Matthew Attard (6)



**Gawwija Prima** minn Francesco Tanti (6)

# Arti u ritratti



Arti minn zkuk u weraq li l-membri ġabru waqt il-ħarġa tas-16 Mejju 2015 fil-Buskett (ara paġna 6)



## Ħbieb Falkuni,

Fix-xhur li għaddew kellna żewġ attivitajiet b'suċċess, kif tistgħu taqraw mar-ritratti f'dil-paġna. Ħadna gost bil-kampanja u bl-għasafar tal-passa li rajna. Issa li l-passa battiet, jibqgħu biss l-għasafar li jbejtu, dawk residenti s-sena kollha jew dawk li jibqgħu magħna għas-sajf biss.

Minbarra xi speċi tal-plajja li jbejtu fir-riservi naturali (L-Għadira u Is-Simar), id-diversi buful fil-kampanja Maltija u t-tajr tal-baħar fl-irdumijiet, ir-Rundun dis-sena kompla jbejjet Malta fl-urban. Għal aktar tagħrif tistgħu tidħlu fil-paġna tal-proġett tagħna **APUS**: *Appreciating, Protecting and Understanding Swifts*. Hemmhekk taraw xi xogħol li għamilna dis-sena, bħall-istallar ta' *nest boxes* għar-Rundun f'xi lokalitajiet, lukandi u skejjel. Għalkemm il-proġett se jispiċċa das-sajf, ħa nkomplu nużaw ir-riżorsi li fadal u nfittxu opportunitajiet biex intellgħu iżjed nest boxes u norganizzaw attivitajiet fir-rebbiegħa li jmiss biex inkomplu nxerrdu tagħrif dwar dan l-għasfur speċjali.

Qed nippjanaw li jkollna xi attività fis-sajf ukoll (araw il-paġna *Facebook* tagħna). Nixtiqilkom il-vaganzi tajbin u nispera li narakom dalwaqt fil-ħarġa bil-lanċa.

Tim

**Timothy Micallef**
Kordinatur Falko



Ir-**Rundun** (Common Swift) beda jbejjet Malta f'dawn l-aħħar snin. Bil-proġett APUS qed nippruvaw ngħinuh jinfirex iktar ma' pajjiżna.

Christopher Cachia Zammit

Sibna fuq **Facebook** (fittex **Falco Birdlife Malta**)
Ittawlilha spiss għal iżjed tagħrif fuq l-attivitajiet

**Dejjem** infurmana jekk tkun ġej ħarġa tal-Falko. Ċempel lil Tim (**79071796**) **jew** lil Nick (**99809190**) **jew** ibgħat email lil **falkoblm@gmail.com** **jew** ħallilna messaġġ fuq **Facebook**

## X'għamilna dan l-aħħar......



Timothy Micallef

Fid-19 ta' Marzu morna s'Għawdex, fejn imxejna ftit mhux ħażin u osservajna xi għasafar sbieħ ukoll. L-ewwel għamilna r-rotta mill-Imġarr sa Ta' Ċenċ, fejn għaddejna minn postijiet uniċi tal-kosta tagħna, bħax-Xatt l-Aħmar u Mġarr ix-Xini. Minn hemm dħalna s-Sannat u ħadna t-triq għar-Rabat. Kellna temp tajjeb għall-mixi u qabel ma morna lura għall-vapur qattajna ftit ħin ir-Ramla l-Ħamra. Fost għasafar f'Għawdex rajna **Kuda**, **Fjamma Sewda**, **Daqquqa tat-Toppu** u **Spanjulett**.

Eżatt xahar wara, fid-19 t'April tlajna ġurnata Kemmuna, fejn żorna r-Ringing Station f'Wied l-Aħmar. Hemmhekk osservajna kif isir dan l-istudju xjentifiku u kellna l-opportunità naraw mill-qrib ħafna għasafar tal-passa sakemm dawn inħelsu mir-ringers biex ikomplu l-vjaġġi tagħhom lejn l-Ewropa ħalli jbejtu u forsi jingħarfu minn studjużi f'pajjiżi oħra. B'dan il-metodu dejjem nitgħallmu aktar fuq l-għasafar, il-movimenti tagħhom u bis-saħħa t'hekk inkunu kapaċi nipproteġuhom aħjar.
Fost għasafar fuq Kemmuna rajna **Qerd in-Naħal**, **Kokka**, **Rożinjol** u **Kaċċamendula**. L-aħħar tnejn jidhru fir-ritratt għax ġew irringjati.



Steven Williams

Jekk qed nara sew f'id Nick hemm **rożinjol**.

U Tim għandu **kaċċamendula**. Ara tigdmek, Tim!



Natura 2000
Natura mħarsa

Elisabeth Conrad

# L-Irdum tal-Madonna u r-Ramla tat-Torri

**F'din il-ħarġa se nagħtu ħarsa lejn sit li jinsab fid-'denb' tal-gżira ta' Malta, fl-Aħrax tal-Mellieħa. Dan huwa sit importanti ħafna għan-natura, kif se naraw.**

## Fejn qiegħed?

Dan is-sit qiegħed fl-inħawi tal-Aħrax tal-Mellieħa u l-Armier.



## Ambjenti varjati

Iż-żona tar-Ramla tat-Torri u l-Irdum tal-Madonna tiġbor fiha varjetà ta' ambjenti differenti tal-kosta. Partijiet huma magħmulin minn meded tal-**blat tal-Qawwi ta' Fuq**, li f'postijiet jifforma jew **irdum** għoli pjuttost inaċċessibbli, jew inkella **xatt** iktar baxxa. F'partijiet oħrajn insibu xatt bir-ramel; fil-fatt hawnhekk insibu waħda mill-ftit komunitajiet ta' **għaram tar-ramel** (sand dunes) li baqa' fil-Gżejjer Maltin – sfortunatament, dan l-ambjent inqered kważi għal kollox min pajjiżna. F'inħawi oħra nsibu ambjent ta' **xagħri**, u saħansitra ta' **bosk**; dan tal-aħħar tħawwel mill-bniedem b'siġar li mhumiex indiġeni għal Malta, imma xorta jipprovdi kenn għal diversi għasafar.




1 Ir-Ramla tat-Torri  2 L-Irdum tal-Madonna

## Diversi speċi

Minkejja li mhux sit kbir, din il-varjetà ta' ambjenti tipprovdi kundizzjonijiet naturali għal diversi speci differenti. Pereżempju fl-irdum insibu pjanti bħax-**xebb**, arbuxxell żgħir [1]endemiku. Fejn ix-xatt huwa baxx mal-baħar insibu x-**xorbett**, pjanta oħra tipika ħafna tal-kosta Maltija. F'partijiet oħra ta' dan is-sit insibu pjanti tipiċi tax-xagħri, pereżempju s-**sagħtar**, l-**erika** u t-**tengħud tax-xagħri**. Fuq ir-ramel għadna nsibu wkoll diversi speci




Pankrazju
*Sea daffodil*





Victor Falzon

tipici tal-għaram tar-ramel, bħall-**għantux tal-blat** u l-**pankrazju**, u speċi oħrajn xejn komuni fil-Gżejjer Maltin.



Garnija
Yelkouan shearwater

Frank Dhermain

## Importanti għall-għasafar

Barra pjanti nsibu wkoll fawna differenti u interessanti f'kull wieħed minn dawn l-ambjenti. Hawnhekk se niffukaw fuq l-għasafar.

L-Irdum tal-Madonna magħruf sew ma' dawk li jħobbu l-għasafar, u dan minħabba l-importanza tiegħu speċjalment għall-għasafar tal-baħar. Fost dawn insibu l-**garnija** u ċ-**ċiefa**, li t-tnejn ibejtu f'ħofor fl-irdum.

F'Malta jbejtu **10% tal-garni tad-dinja** u f'dan is-sit hawn l-ikbar [2]kolonja tagħhom, b'iktar minn 500 par. L-Irdum tal-Madonna fil-fatt imħares mhux biss bħala sit Natura 2000 imma huwa Important Bird Area (IBA) Internazzjonali, titlu li jfisser li dan wieħed minn ħafna postijiet mifruxin mad-dinja li huma partikolarment importanti għall-għasafar.

Barra tajr tal-baħar f'dawn l-inħawi jbejjet ukoll il-**merill**, l-għasfur nazzjonali.

**L-Irdum tal-Madonna u r-Ramla tat-Torri joffru eżempju tajjeb tar-rikkezza naturali li għandna f'dan il-pajjiż żgħir. Juruna wkoll, però, kemm huwa importanti li ninvestu l-ħin u l-isforzi tagħna biex inħarsu dan il-wirt.**

## Proġett Garnija

Fl-Irdum tal-Madonna qed isiru proġetti mmexxijin mill-BirdLife bit-tir li jħarsu l-kolonji tat-tajr tal-baħar. Fost il-ħafna xogħol li sar, ġie studjat fejn qed imorru jistadu l-għasafar fuq il-baħar, biex insiru nafu liema partijiet tal-baħar għandna bżonn nipproteġu b'iktar reqqa. Qed isiru wkoll sforzi biex jinqerdu l-firien mis-sit, minħabba li dawn jattakkaw il-bejtiet tal-għasafar u joqtlu l-frieħ jew jieklu l-bajd. Barra minn hekk saru sforzi biex jitnaqqas l-istorbju u d-dwal bil-lejl, li jfixklu l-għasafar. Il-proġett irnexxa għax mhux biss tgħallimna ħafna fuq il-garni, imma n-numru tagħhom kompla żdied.



Riċerkatur tal-BirdLife jixxabbat mal-irdum biex jinżel jiċċekkja xi bejtiet tal-garnija

Ben Metzger

[1]**endemiku.** Annimal jew pjanta li jinsabu f'post partikolari u mkien iktar fid-dinja
[2]**kolonja.** Grupp ta' annimali li jgħixu jew ibejtu viċin ta' xulxin.



Dakinhar inqassmu l-istiker Numru 4.



# Sejrin ħarġa bil-lanċa.

# Tiġu magħna?

## Data
**Il-Ġimgħa 10 Lulju 2015**

Prezz Kbar €7 Żgħar (-14) €5

- Minħabba li l-postijiet huma limitati, importanti li tibbukkjaw. Ċemplu **21347644/5/6** jew ibagħtu email lil **events@birdlifemalta.org** u tingħataw iktar dettalji.
- Ċans biex tibbukkjaw għandkom sa nhar il-**Ħamis 9 Lulju 2015**. Tħallux għall-aħħar!
- Tibagħtux flus bil-posta. Il-biljetti jinxtraw dakinhar stess fil-post ftit qabel it-tluq.
- Minħabba sigurtà, tfal taħt il-5 snin ma nistgħux naċċettawhom fuq il-lanċa. Tfal taħt it-8 snin irid jiġi magħhom xi ħadd kbir. Grazzi tal-koperazzjoni.

Kif nagħmlu kull sena f'daż-żmien ħa jkollna ħarġa bil-lanċa – ħarġa speċjali li fiha mmorru ngawdu l-kumpanija taċ-ċief. Iċ-ċief huwa tajr tal-baħar li jbejjet f-irdumijiet. Ħafna ċief ibejjet fis-sisien f'Ta' Ċenċ, fin-naħa t'isfel ta' Għawdex, għalhekk ħa niġbdu lejn dawk in-naħat. Iċ-ċief jidħol fil-bejta bil-lejl imma ftit qabel tinżel ix-xemx jinġabru f'qatgħat fuq il-baħar jistennew id-dlam. Dawn il-qatgħat spiss ikun fihom mijiet ta' tajr! Aħna ħa mmorru ngawduhom proprju fil-mument maġiku ta' nżul ix-xemx.



**Titilfuhiex.**
Min ġie darba reġa' ġie u reġa' ġie!

U reġa' ġie u reġa' ġie u reġa' ġie u reġa' ġie u...

(Leħen l-Editur) Ojj hemm! Agħlaqlu!







Jekk il-baħar idardarkom tieklu xejn sa 3 sigħat qabel il-ħarġa.

Ritratti
Jason Aloisio, Denis Cachia, André Raine, Aron Tanti